Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1639/2000/1

**Maria Azzopardi**

**vs**

**Joseph u Rose konjugi Calleja**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell tal-konvenuti minn digriet ta' l-ewwel Qorti fejn permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba taghhom biex jinghataw l-opportunita` jressqu l-provi taghhom. Huma jissottomettu illi r-raguni il-ghala ma kienux ressqu l-provi fiz-zmien iffissat ghalhekk kienet wahda valida u ghalhekk kellha tkun accettata mill-Qorti.

Ghal dan l-aggravju l-attrici appellata wiegbet fl-ewwel lok illi proceduralment l-appell interpost huwa irritu u null billi dan gie ntavolat oltre t-terminu ta' sitt ijiem prevvist mill-Art 229(6) tal-Kap 12. Fit-tieni lok u fil-meritu d-digriet impunjat kien wiehed gust.

Opportunement il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn tirrikapitula s-segwenti antecedenti ghall-appell interpost:-

1. Fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2002, gjaladarba l-konvenuti u l-avukat difensur taghhom naqsu li jidhru biex, kif inghad fil-verbal precedenti tal-15 ta' Novembru 2001 jezawrixxu l-provi taghhom, l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` tan-Noti ta' Osservazzjonijiet;
2. Fit-22 ta' Frar 2002 il-konvenuti ntavolaw rikors biex jitolbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza halli jkollhom l-opportunita` jressqu l-provi taghhom;
3. B'digriet tal-21 ta' Marzu 2002 l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti billi ma sabet l-ebda gustifikazzjoni ghal dak mitlub.
4. Fl-udjenza tad-19 ta' April 2002 l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2002;
5. B'rikors prezentat fil-25 ta' April 2002 il-konvenuti talbu li jinghataw il-fakolta` li jinterponu appell mid-digriet interlokutorju fuq imsemmi li kif jinghad fih gie moqri mill-Qorti fis-seduta tad-19 ta' April 2002.
6. B'digriet tat-8 ta' Mejju 2002 l-ewwel Qorti laqghet it-talba u l-konvenuti ghaddew biex introducew l-appell taghhom fis-6 ta' Gunju 2002.

Is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jipprovdi illi talba biex isir appell minn digriet mhux raffigurat fis-subincizi precedenti ghalih kellha ssir permezz ta' rikors zmien sitt ijiem minn meta d-digriet <u>jinqara bil-miftuh fil-qorti</u>.

Fil-kaz de quo jidher li d-digriet tal-21 ta' Marzu 2002 inqara fil-miftuh fl-ewwel udjenza li kien imiss, u cjoe`, fid-19 ta' April 2002. Ir-rikors li jsemmi l-precitat provvediment iddahhal fil-25 ta' April 2002 u ghalhekk fiz-zmien statutorju mill-istess provvediment prevvist. Sa hawn allura jidher li l-procedura kienet korretta.

Mill-atti jirrizulta pero` illi d-digriet l-iehor li bih akkorda l-permess specjali biex isir appell mid-digriet precedenti

taghha ma nghatax waqt seduta bil-miftuh, kif hekk jiddisponi espressament is-subinciz (5) ta’ l-Artikolu 229.

Id-digriet hekk moghti fit-8 ta’ Mejju 2002 li laqa’ t-talba biex isir l-appell ma nghatax, kif irid proprju dan is-subinciz (5) “waqt seduta bil-miftuh” u, anzi, l-indikazzjonijiet huma li nghata kameralment. Tant hu hekk li d-data tat-8 ta’ Mejju 2002 ma kienetx wahda li fiha saret seduta, gjaladarba wkoll skond il-verbal tad-19 ta’ April 2002 il-kawza kienet imhollija ghas-sentenza ghat-12 ta’ Lulju 2002. Lanqas ma jirrizulta mill-atti illi l-kawza giet rikjamata ghall-iskop biex jinghata dan id-digriet.

Huwa logiku illi meta l-ligi ssemmi illi d-digriet irid jinghata mill-Qorti waqt seduta bil-miftuh l-iskop hu li l-parti li tkun ressqet it-talba tkun notifikata bih u b’hekk ikollha l-opportunita` illi fiz-zmien utli ta’ sitt ijiem “mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuh” (subinciz (6) ta’ l-Art. 229) tipprezenta l-appell taghha.

Fil-kaz in ezami jidher ovvju illi l-Qorti nferjuri ma segwietx din il-proprjeta` procedurali sancita mil-ligi fil-precitati subinciz 5 ta’ l-Art 229. Li jfisser illi dak li sar kien proceduralment irritwali.

Din l-inosservanza tal-precett tal-ligi gabet maghha bhala konsegwenza illi l-konvenuti appellanti ntavolaw l-appell taghhom tardivament u mhux konformi mat-terminu preskritt fl-artikolu 229 (6).

In konsegwenza wkoll ghal dan il-fatt issa l-appellata qed tirrinfaccjahom bin-nullita` ta’ l-appell taghhom proprju ghaliex dan ma giex ipprezentat fit-terminu ta’ sitt ijiem. Terminu dan li, rebus sic stantibus, kellu jkun osservat ‘ad unguem’ gjaladarba l-osservanza tat-termini prefissi fil-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili huma ta’ ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu njorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Terminu, ghalhekk, li kellu jigi mhares taht piena ta’ irritwalita` u nullita` tal-proceduri. Ara f’dan is-sens sentenza fl-ismijiet “**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**”, Appell, 21 ta’ Marzu 1997.

Minn naha l-ohra, fic-cirkustanza partikulari ta’ dan il-kaz, din il-Qorti ma tistax tordna n-nullita` ta’ l-appell fuq il-bazi pretiz mill-appellata, anke jekk il-pregudizzjali sollevata minnha hi radikata fil-ligi, izda ser tghaddi biex tordna n-nullita` u irritwalita` tad-digriet innifsu billi dan ma nghatax skond kif dettat mill-istess ligi.  Dan ghal motiv illi gjaladarba kien rekwizit procedurali illi d-digriet jinqara waqt seduta fil-miftuh, ma kellux jigi pregudikat id-dritt ta’ l-appell tal-parti li xtaqet tappella.  Pregudizzju li, kif manifest anke mill-eccezzjoni tal-appellata, avvera ruhu billi ma akkordax lill-appellanti l-opportunita` li jintavolaw l-appell fi zmien utili, u din il-Qorti ma tistax lanqas kieku trid tissana appell bhal dan.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti marte proprio qed tannulla d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-8 ta’ Mejju 2002 li bih akkorda lill-konvenuti permess specjali biex jappellaw minn digriet precedenti tal-istess Qorti.  Tirrimetti l-process lura lill-Qorti ta’ l-ewwel grad biex jigi assikurat illi l-pronunzjament taghha fuq ir-rikors tal-konvenuti jinghata konfermement mal-osservanza dettata fil-Kodici ta’ Organizazzjoni Procedura Civili (Kap 12), senjatament l-Artikolu 229 (5) tieghu.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------